# Rapport imħejji mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kwalità fix-Xandir Televiżiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

2019

# Kelmtejn Qabel

Fl-isfond ta' dan ix-xogħol, ikun ta' nuqqas min-naħa tiegħi jekk ma nibdiex billi nsellem il-memorja tal-ex chairman is-Sur Martin Micallef. Dan ix-xogħol li qed jiġi ppreżentat illum huwa frott tal-ħidma tiegħu jew aħjar tal-passjoni li kellu biex ix-xandir lokali jtejjeb il-kwalità. Fil-fatt ħadem sal-aħħar biex jagħti sehmu fl-ambitu ta' regolatur, iżda wkoll ikkontribwixxa aktar minn hekk u dan huwa wieħed mill-eżempji ħaj li jista' jwassal biex il-kwalità fix-xandir lokali titjieb. Is-Sur Micallef ikkontribwixxa għal snin twal b'mod dirett fil-qasam tax-xandir, partikolarment fil-ġurnaliżmu. U fl-aħħar sentejn ħadem sfiq biex il-qasam tax-xandir jimxi aktar b'mod professjonali u għalhekk welled dan il-proġett li nittama li jservi bħala l-ewwel pass biex nibdew naraw aktar kwalità fix-xandir.

Għaldaqstant ħassejt li l-ewwel impenn tiegħi bħala Chairperson tal-Awtorità tax-Xandir ikun li kif kien maħsub inpoġġi 'l quddiem dan id-dokument għall-iskrutinju tax-xandara u produtturi imma wkoll għal diskussjoni biex naraw x'għandha tkun it-triq 'il quddiem għal din l-industrija dinamika.

Frank V. Farrugia<br>
Chairperson<br>
Awtorita tax-Xandir<br>
18 ta' Novembru 2019

# Messaġġ miċ-Chairperson tal-Awtorità tax-Xandir

Minn żmien għal żmien l-Awtorità tax-Xandir tikkummissjona eżerċizzju ta' analiżi aktar fid-dettall mis-soltu dwar il-kwalità tax-xandir mill-istazzjonijiet prinċipali, dawk li għandhom produzzjonijiet x'jiġu mistħarrġa.

Din is-sena twaqqaf Kumitat Konsultattiv, kif tipprovdi l-liġi, immexxi mis-Sur Charlo Bonnici, li huwa membru tal-bord tal-Awtorità tax-Xandir. Il-membri l-oħra magħżula miċ-Chairperson u mill-Kap Eżekuttiv ukoll iġorru fuq spallejhom għexieren ta' snin ta' esperjenza diretta jew indiretta, kif ukoll għarfien akkademiku fis-settur, u għalhekk il-Kumitat kien fih innifsu garanzija ta' professjonalità li ħalliet il-marka tagħha fuq ir-Rapport. Kien indispensabbli wkoll is-sehem li taw membri tal-management ta' diversi stazzjonijiet flimkien ma' għadd ta' djar tal-produzzjoni biex l-istampa tkun tirrifletti aħjar dak li qed jiġri. Grazzi!

Il-mudell ekonomiku, il-ġeneri, l-iskeda, l-aċċessibbiltà u t-telespettaturi huma l-pilastri li fuqhom trid tinfirex id-diskussjoni dwar ix-xandir f'Malta. Dan fid-dawl tal-pluralità ta' atturi u anki b'mod dejjem aktar insistenti, minħabba l-iżvilupp u t-teknoloġija li flimkien wasslu biex il-konsum tat-TV ikollu varjetà dejjem tiżdied u tinbidel ta' pjattaformi.

Malta u Għawdex, huma realtà għalihom. Mhumiex biss sovrani fuq ir-reġistru tan-Nazzjonijiet Magħquda fil-Palazz tal-Ħġieġ fi New York, iżda huma indipendenti fid-demm li jiġri fina. Allura tajjeb li niffukaw fuqhom jekk ma rridux naħlu l-enerġija tagħna fuq mudelli li magħna m'għandhom x'jaqsmu xejn. Il-mira għandha dejjem tkun it-telespettatur Malti. X'qed noffrulu li ma jsibx band'oħra?

Il-mudell kummerċjali li jintuża mhux neċessarjament biżżejjed biex isostni industrija li kibret u faqqset strutturi li wħud jixxiebhu ma' stazzjon tat-televiżjoni, filwaqt li oħrajn għadhom jaħarbu minn definizzjoni onesta ta' x'inhuma. Ix-xandir huwa sfruttat jew ħalla li jiġi sfruttat mid-dinja kummerċjali u qajla jimponi hu l-valur tax-xogħol tiegħu u tal-aktar ħaġa għażiża fix-xandir: l-Air Time.

It-tajjeb hu li kulħadd konxju li x-xenarju fix-xandir mhux wieħed ideali. Hemm min isostni li ż-żmien waħdu għad iwassal biex, lil hinn mir-retorika politika, is-settur, b'dak kollu li qed jiġri madwaru, isib il-bilanċ u l-istabbiltà li tixraqlu. Hemm oħrajn tal-fehma li hemm bżonn, b'mod ġenerali, ta' intervent strutturat biex l-industrija timxi 'l quddiem.

Huma t-tnejn flimkien, magħġuna b'għaqal f'pakkett ibbilanċjat, li jistgħu jagħtu viżjoni u futur lix-xandir f'Malta, kemm-il darba nżommu quddiem għajnejna li fl-aħħar mill-aħħar jgħodd li kapaċi nżommu udjenza.

Martin Micallef
Chairperson
Awtorità tax-Xandir

23 ta' Settembru 2019

# Rapport imħejji mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kwalità fix-Xandir Televiżiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir

# Werrej


Messaġġ għar-Rapport 9

1. Introduzzjoni 11
2. It-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir 13
3. Osservazzjonijiet ġenerali 15
4. Programmi Magazine 17
5. Drama 21
6. Programmi barra l-istudio 27
7. Programmi tat-tfal 29
8. Laqgħat ma' rappreżentanti tal-istazzjonijiet televiżivi lokali 31
9. Laqgħat ma' produtturi oħra 37
10. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 39

# Messaġġ għar-Rapport imħejji mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kwalità fix-Xandir Televiżiv imwaqqaf mill-Awtorità tax-Xandir

Kien ta' unur u pjaċir għalija li ngħatajt l-inkarigu ta' Kumitat li kellu l-iskop ewlieni li jistħarreġ aspett importanti fil-qasam tax-xandir televiżiv – il-kwalità.  Huwa fatt li qed ngħixu f'soċjetà li aktar ma jmur donnha qed tissagrifika l-kwalità għall-kwantità. Fl-istess ħin it-telespettatur sar ukoll jaf jagħżel, forsi għax għandu aktar għażla. Ironikament il-kwalità x'aktarx tkun il-fattur li jġiegħel telespettatur, li jrid jara programm lokali, jagħżel programm minn ieħor.

Matul diversi xhur dan il-Kumitat stħarreġ dan l-aspett kemm billi ra kampjuni ta' programmi kif ukoll billi ltaqa' u tkellem ma' firxa pjuttost wiesgħa ta' stazzjonijiet u produtturi lokali. Ħares lejn il-kwalità minn diversi angoli, kif fuq kollox kien mitlub li jagħmel. Dan wassalna biex finalment nagħmlu l-konklużjonijiet tagħna u anki noħorġu b'numru ta' rakkomandazzjonijiet.

Il-proċess sabiex wasalna għar-rapport kien wieħed interessanti għaliex tana l-opportunità li niltaqgħu u nitkellmu ma' diversi stakeholders f'dan il-qasam. Ħareġ bl-aktar mod ċar li l-biċċa l-kbira ta' dawk involuti f'dan il-qasam mhumiex primarjament motivati mill-flus imma mill-imħabba u d-dedikazzjoni li għandhom. Li kieku dan ma kienx il-każ żgur li ħafna minnhom, imħuħ tassew tajbin b'numru minnhom illum mgħobbija wkoll bl-esperjenza, allura żgur kienu jagħżlu oqsma li jirrendu ħafna aktar.

Dan il-fatt, filwaqt li għandu jimliena b'kuraġġ, m'għandux iserrħilna rasna għall-futur. Kif joħroġ ċar mir-rapport hemm diversi sfidi li jridu jingħelbu jekk irridu ġejjieni isbaħ għal din l-industrija f'pajjiżna. Hemm min jirraġuna li llum it-telespettatur Malti għandu għażla ta' pjattaformi  biex minnhom jaċċessa kontenut tajjeb. Dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li t-telespettur Malti għandu dritt li jkollu wkoll għażla ta' programmi lokali, inkluż dawk bil-lingwa Maltija, u li jkunu wkoll ta' kwalità tajba. Biex niggarantixxu dan

id-dritt jeħtieġ ukoll li nħarsu lejn is-sostennibilità ta' din l-industrija f'suq limitat u ffullat. Ir-rapport iħares lejn dan l-aspett li jidher li qiegħed fuq moħħ ħafna involuti f'dan il-qasam.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat is-Sur Charles Stroud, is-Sa Anna Bonanno, is-Sur Mario Azzopardi u s-Sa Joyce Grech kif ukoll lis-Sa Rosienne Spiteri, is-Segretarja tal-Kumitat, kif ukoll lis-Sa Melanie Bennett li wkoll assistiet f'numru ta' laqgħat. Niżżi ħajr ukoll liċ-Chairman tal-Awtorità tax-Xandir, is-Sur Martin Micallef, u lill-Kap Eżekuttiv Dr Joanna Spiteri u lill-membri l-oħra tal-Awtorità għall-appoġġ tagħhom.

Charlo Bonnici
Chairperson
Kumitat Konsultattiv dwar il-Kwalità fix-Xandir Televiżiv

27 ta' Settembru 2019



# 1 Introduzzjoni

Mingħajr dubju ta' xejn ix-xena tax-xandir f'Malta hija waħda pluralistika fis-sens li għaċ-ċokon tiegħu pajjiżna jgawdi minn numru mdaqqas ta' stazzjonijiet televiżivi u radjufoniċi. Dan il-pluraliżmu fil-qasam televiżiv lokali li issa ilu magħna għal 25 sena bħal donnu sploda f'perjodu relattivament qasir u baqa' jikber sa ma stabbilizza ruħu.

Dan il-pluraliżmu ma kienx ristrett għaż-żieda fl-istazzjonijiet televiżivi privati oltre l-istazzjonijiet pubbliċi iżda anki għat-tkattir fin-numru ta' produtturi li llum huma stakeholders importanti f'dan is-settur. Rajna l-ħolqien ta' industrija awdjoviżiva grazzi għall-bidla fil-mudell li bih bdew joperaw l-istazzjonijiet, l-aktar il-PBS bix-xiri ta' airtime u ko-produzzjonijiet bejn id-djar tal-produzzjonijiet u l-istazzjonijiet.

F'dan l-aħħar kwart ta' seklu rajna wkoll żvilupp teknoloġiku qawwi li qed jipprovdi lil ħafna nies alternattiva kif isegwu programmi ta' divertiment, films u sensiliet tal-aqwa kwalità f'dak li huwa kontenut kif ukoll mill-aspett tekniku. B'konsegwenza ta' hekk l-udjenzi ta' programmi televiżivi qed jonqsu l-aktar fost iż-żgħażagħ kif anki juri l-aħħar stħarriġ tal-udjenzi kkummissjonat mill-Awtorità tax-Xandir.[1]

1 Audience Assessment March 2019 (Broadcasting Authority)

Inbidel ukoll il-mod kif kumpaniji jirreklamaw il-prodotti tagħhom. Ir-reklamar jista' jitqies bħala l-kurdun li minnu l-istazzjonijiet televiżivi jieħdu n-nifs tal-ħajja tagħhom. Matul dawn l-aħħar snin kull min jirreklama sar għandu mezzi oħra kif jirreklama prodotti u servizzi mingħajr ma neċessarjament jinkludi l-mezz televiżiv.

Għal darb'oħra l-internet biddel ir-regoli tal-logħba b'konsegwenza li kull min qabel kien jirreklama fuq it-televiżjoni llum sar iħossu komdu jiddedika parti sostanzjali tal-baġit tar-reklamar tiegħu fuq il-midja soċjali u online portals.

B'konsegwenza ta' dawn il-fatturi beda joħroġ ċar li l-isfidi li qed tiffaċċja l-industrija tat-televiżjoni f'Malta mhumiex żgħar. Il-loġika tiddettali dawn l-isfidi flimkien ma' oħrajn, fosthom in-nuqqas fil-kapital uman li qed jiffaċċjaw industriji oħra, jistgħu jħallu effett fuq il-kwalità ta' programmar li jasal għand it-telespettatur. Aktar importanti minn hekk inħasset il-ħtieġa ta' azzjoni immedjata biex titjieb il-kwalità fil-qasam tax-xandir televiżiv.





# It-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir

Kien f'dan l-isfond li f'Novembru 2018 l-Awtorità tax-Xandir waqqfet sotto-kumitat biex jevalwa l-kwalità fix-xandir televiżiv bħalissa f'Malta u jirrakkomanda l-azzjoni meħtieġa ħalli tiġi mtejba l-kwalità tax-xandir kif ukoll jiġu salvagwardjati dawk l-aspetti li huma pożittivi.

Fix-xogħol tiegħu l-Kumitat kellu:

1. Iħares lejn aspetti varji tal-kwalità mistennija minn kull min jipproduċi kontenut sabiex jixxandar fuq it-televiżjoni fil-gżejjer Maltin.

2. Janalizza kampjuni ta' programmi mxandra fuq stazzjonijiet lokali differenti fil-ġeneri ta' magazine, drama, xandiriet barra mill-istudio u oħrajn speċjali u programmi ta' diskussjoni dwar ġrajjiet kurrenti.

3. Jiffoka fuq tliet aspetti partikolari li essenzjalment jiddeterminaw jekk prodott televiżiv ikunx ta' kwalità għolja, medja jew inferjuri – il-kontenut, l-estetika u l-aspett tekniku.

4. Finalment jagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jgħinu lill-Awtorità fit-tfassil ta' linji gwida jew suġġerimenti għal tibdil leġiżlattiv.

Fix-xogħol tiegħu l-Kumitat għandu jiffoka fuq l-aspetti li ġejjin:

*Il-Kontenut*

- Il-kwalità ta' informazzjoni mogħtija
- L-użu tal-lingwa
- It-tip ta' mistednin fil-programmi
- It-tħejjija tal-preżentaturi
- It-tip ta' mistoqsijiet li jsiru mill-preżentaturi
- It-trattament ta' persuni meqjusa vulnerabbli
- Ir-rispett lejn l-ugwaljanza sesswali u d-diversità

*L-Estetika*

- F'każ ta' programmi mill-istudio t-tip ta' settijiet użati kif ukoll id-dekor fl-istudio
- F'każ ta' filmati rrekordjati minn barra l-istudio l-isfond tas-suġġett iffilmjat
- L-ilbies tal-preżentaturi
- It-tip ta' rtokk użat, jekk ikun il-każ

*L-Aspett Tekniku*

- L-istampa
- L-awdjo
- Id-dawl
- Ix-xogħol tal-kamera
- It-tip ta' muntaġġ użat

Wara li jikkunsidra dawn il-fatturi fil-kampjuni eżaminati, il-Kumitat kellu jfittex li jeżamina l-fatturi li jistgħu jaffettwaw dawn l-aspetti fosthom dak finanzjarju, it-taħriġ, l-amministrazzjoni tal-istazzjonijiet kif ukoll fatturi oħra. Il-Kumitat biex jagħmel dan ingħata l-inkarigu li jiltaqa' ma' min jidhirlu jista' jipprovdi l-informazzjoni.

Wara li jtemm dan l-eżerċizzju, il-Kumitat kellu jippreżenta rapport li jipprovdi stampa tal-kwalità fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna u rakkomandazzjonijiet dwar azzjoni li tista' tittieħed biex isir titjib u tiġi salvagwardjata l-kwalità tax-xandir f'pajjiżna qabel xejn b'rispett lejn it-telespettatur kif ukoll lejn ir-reputazzjoni tal-istess industrija awdjoviżiva f'Malta.

Il-Kumitat kien magħmul mis-Sur Charlo Bonnici (Chairperson), is-Sur Mario Azzopardi, is-Sa Anna Bonanno, is-Sa Joyce Grech u s-Sur Charles Stroud (membri) u s-Sa Rosienne Spiteri (segretarja). Il-Kumitat iltaqa' ħdax-il darba bejn is-7 ta' Novembru tal-2018 u d-29 ta' Mejju tal-2019.



# Osservazzjonijiet ġenerali

Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-membri kellhom l-opportunità li jagħmlu osservazzjonijiet ġenerali marbuta mas-suġġett kif ukoll mat-termini ta' riferenza li ngħataw. Fost l-osservazzjonijiet li ħarġu f'din is-sessjoni kien hemm:

- In-nuqqas ta' taħriġ u preparazzjoni ta' dawk kollha li llum il-ġurnata huma involuti fil-qasam tax-xandir televiżiv;
- Illum sirna aktar niffokaw fuq l-aspett kummerċjali tal-programmi milli fuq il-kwalità tagħhom;
- M'hemmx wisq x'jiddistingwi stazzjon minn ieħor f'dak li huwa kontenut fejn ħafna drabi jkollok l-istess mistiedna u l-istess suġġetti fuq l-istazzjonijiet differenti. Ħafna drabi dan iseħħ ukoll fuq l-istess stazzjon fl-istess ġimgħa partikolarment fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti minħabba li jittrattaw l-istess tema u għaldaqstant jista' jkun jinħass nuqqas ta' koordinazzjoni mil-lat ta' aġenda editorjali. L-istess mistiedna xi drabi wkoll ikunu fi programmi magazine minħabba li dawn ikollhom l-istess sponsers u għaldaqstant jiġu mistiedna l-istess mistiedna li jkunu sponsorjaw il-programm.

- Bis-sistema ta’ xiri ta’ airtime l-produtturi llum għandhom saħħa kbira b’tali mod li kważi jiddettaw x’kontenut jidħol fil-ħin mixtri;

- Fl-imgħoddi x-xandara kellhom aktar kontroll u dixxiplina fuqhom infushom, xi ħaġa li llum tidher li hija nieqsa mix-xandara preżenti;

- Jidher li jeżisti nuqqas fil-ħiliet u anki kreattività biex wieħed joħloq produzzjoni inkluż fl-iddisinjar ta’ settijiet televiżivi għax l-eħfef u l-aktar ħaġa vijabbli saret li jingħataw items minn xi sponser. F’xi każi l-istess sett jintuża għal programmi li jsiru f’ħinijiet differenti tal-ġurnata u xi drabi wkoll minn skeda għall-oħra.

- Hemm wisq airtime x’jimtela b’tali mod li jagħmilha diffiċli għall-produtturi u l-istazzjonijiet li jsostnu l-iskeda televiżiva bi programmi ta’ kwalità;

- Issemma wkoll l-użu tal-ilsien Malti kemm mitkellem kif ukoll miktub fi crawls jew captions. Ċerti problemi f’dan ir-rigward ilhom jinħassu s-snin tant li fl-2009 l-Awtorità tax-Xandir u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħejjew rapport dwar il-Malti fix-Xandir.[2] Barra minn hekk minn żmien għal żmien l-Awtorità torganizza seminars dwar l-ilsien Malti kif ukoll tisponsorja xandara għall-kors fl-Università ta’ Malta li jwassal għal Ċertifikat fil-Qari tal-Provi;

- Tinħass ukoll problema fl-ispazju tal-istudios b’tali mod li x-xogħol tal-kamera jkun wieħed ristrett.

- Teżisti wkoll nuqqas ta’ immaġinazzjoni fil-mod kif jinġibed il-programm b’riżultat li ħafna mix-shots ikunu monotoni.

2 Rapport tal-Kumitat fuq il-Malti fix-Xandir maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Awtorità tax-Xandir (5 ta’ Jannar, 2009).




# Programmi Magazine

Il-Kumitat ra episodji mill-programmi segwenti li jaqgħu f'din il-kategorija:

> Espresso (One TV), Tearoom (Net TV), Fliving Show (F Living), Waranofsinhar (TVM).

Fir-rigward tal-episodji li ra, il-Kumitat osserva li:

- Ħaġa komuni li ħarġet mill-programmi kienet l-użu ta' talking heads, jiġifieri preżentaturi u mistiedna li jitkellmu waqt il-programmi mingħajr ma jittella' materjal viżiv li janima l-istess diskors jew diskussjoni. Dawn mhuma xejn għajr programmi radjufoniċi mxandra fuq it-televiżjoni.

- Ġie nnutat nuqqas ta' preparazzjoni mill-preżentaturi fejn f'każ minnhom il-preżentatur iqalleb fil-karti li kellu f'idejh biex seta' jkompli mal-kok waqt rokna fil-kċina. Jidher ċar li hemm preżentaturi li qed ikunu spontanji mingħajr l-użu ta' skript preparat b'riżultat li jgħaddu kummenti nieqsa mis-sustanza jew bla sens. Hemm dubju jekk il-pre-production meetings li suppost isiru, sarux fil-programmi kollha li raw il-membri għaliex il-livell ta' preparazzjoni minn dawk involuti ma kienx evidenti;

- Ġie nnutat li n-nuqqas ta' tħejjija jista' jkun ġej mill-fatt li fir-realtà tal-lum l-airtime ħafna drabi jkun mixtri, il-preżentatur u l-produtturi jaħlu aktar enerġija biex ibigħu r-reklami milli biex jiffokaw fuq kontenut ta' kwalità.

- Joħroġ ċar li f'xi każi l-programmi jiġu ffilmjati minn cameraperson b'kameras issettjati qabel ma jibda l-programm. Il-problema mhix l-awtomazzjoni li ilha tintuża anki minn stazzjonijiet barranin għal ħafna snin imma meta tintuża b'mod li tispiċċa tara l-istess angulaturi u l-istess tipi ta' kwadraturi mingħajr l-ebda kreattività.

- Ġie nnutat li f'xi każi l-introduzzjoni kienet twila ħafna u l-preżentatur idum biex jintroduċi l-item li jkun imiss. F'każ minnhom l-introduzzjoni damet 14-il minuta. L-istess jista' jingħad għat-tul tal-irkejjen. F'kampjun minnhom segment dam siegħa u għaxar minuti qabel ma beda dak li jmiss. L-impressjoni li tieħu hi li hemm ammont kbir ta' airtime x'jimtela u li jrid jimtela akkost ta' kollox;

- L-istess jista' jingħad għal xi items li jittawlu bla bżonn. F'każ minnhom, ngħidu aħna, wara l-ewwel sitta u tletin minuta tal-programm, kien għadu ġie diskuss suġġett wieħed biss. Jista' jkun li dan isir minħabba t-tul sostanzjali tal-faxxa li fih jixxandar il-programm li ovvjament tkun trid timtela.

- L-aspett estetiku f'xi programmi li ra l-Kumitat kien wieħed fqir. Jidher ċar li mhux f'kull magazine programme qed ikun hemm make-up artist li tapplika l-irtokk fuq il-preżentatur/preżentatriċi u fuq il-mistednin. Dan in-nuqqas ċertament jaffettwa l-kwalità tal-programm speċjalment illum li wħud mill-istazzjonijiet qegħdin ixandru bi stampa HD li fir-realtà tirrikkjedi wkoll irtokk addattat għaliha.

- Nuqqas fl-aspett estetiku joħroġ ukoll mil-livell baxx u fqir fil-kwalità u fl-estetika tal-biċċa l-kbira tas-settijiet użati fil-programmi li ra l-Kumitat. Filwaqt li wieħed japprezza l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-istazzjonijiet u l-produtturi minn dak li ra l-Kumitat huwa ċar li jista' jsir użu aħjar anki mis-settijiet li intużaw minkejja kull limitazzjoni. Hi kwistjoni ta' kreattività u kif wieħed jipprova jaħseb barra mill-kaxxa.

- Il-Kumitat innota l-użu tal-istess sett b'tibdil żgħir fi programmi differenti li jixxandru matul il-ġurnata.



- Ġie nnutat li xi drabi jibda jitkellem mistieden fil-programm u l-inkwadratura bil-kamera tal-persuna li tkun qed titkellem issir tard. Din hi ħaġa li taf idejjaq ħafna lit-telespettatur.

- Il-Kumitat ħass li għandhom ikunu evitati overhead shots tal-istudio partikolarment meta dan ikun ċkejken.

- L-użu ħażin tal-lingwa Maltija f'xi programmi ta' magazine wkoll ġie nnutat fejn instema' kliem bħal "erbgħa tfal" jew "nisijiet". Ġew innotati wkoll captions b'taħlita ta' Malti u Ingliż. F'xi każi ma jintużawx il-fonts bil-Malti.

- Fi programm ta' dan il-ġeneru l-preżentatur għandu rwol importanti speċjalment jekk il-persuna li tmexxi l-programm tkun ippreparata b'mistoqsijiet intenzjonati biex il-mistieden joħroġ informazzjoni utli u interessanti għat-telespettatur. Fi programm li ra l-Kumitat dan mhux talli ma kienx il-każ talli, iżda, il-preżentatur 'intrikeb' għalkollox minn mistieden li beda jitkellem u minflok baqa' mas-suġġett, f'dal-każ il-propjetà, beda jesprimi biss opinjonijiet lil hinn mis-suġġett tal-programm. Sfortunatament il-preżentatur bħal qata' qalbu u ħalla lill-mistieden jgħid li jrid bla interuzzjoni.

- Fost l-aspetti pożittivi li ġew innutati kien hemm kollegament permezz ta' Skype f'żewġ programmi li ra l-Kumitat. Fi żmien meta t-teknoloġija tippermetti li jsiru dawn it-tip ta' interventi bi stampa li tista' tkun ta' kwalità għolja jew aċċettabbli, hi ħaġa tajba li interventi bħal dawn jiġu inklużi.

- Fi programm ieħor ġie inkluż kwizz qasir bejn kunsilliera lokali. Minkejja li bħalma kien il-każ fi programmi oħra dan is-segment ma kienx għani viżwalment, din ir-rokna kienet interessanti u differenti b'ħafna azzjoni.

- Aspett pożittiv ieħor kien l-użu ta' feature qasir, f'dal-każ dwar snajja' Maltin, f'wieħed mill-programmi. Il-membri tal-Kumitat qablu li filmati bħal dawn huma interessanti imma huwa dnub li fl-episodju partikolari l-feature ixxandar pjuttost tard fil-programm.



# 5

# Drama

Wara li ra u ddiskuta kampjuni ta' programmi tal-ġeneru Magazine l-Kumitat beda jara episodji minn drama mxandra fuq stazzjonijiet differenti.

Il-Kumitat ra episodju mis-sensiliet: Division 7 (One TV), Fattigi (Net), It's Morris (Net), L-Għarusa (TVM), L-Għoġol tal-Deheb (One), Manwela (TVM), Miraklu (Net TV), Stejjer għal Kulħadd (One TV) u Ħbieb u Għedewwa (TVM).

Fir-rigward tal-episodji li ra, il-Kumitat osserva li:

- Karatteristika komuni hi l-pawsiet twal fid-djalogi kif ukoll xeni twal f'numru ta' episodji ta' drama differenti. Dan flimkien ma' repetizzjoni ta' linji fid-djalogi u l-pass kajman kif tiżviluppa l-istorja, jagħtik l-impressjoni li xi produtturi jkunu jridu jimlew il-ħin tal-episodju bl-inqas sforz possibbli.

- F'xi episodji ġie nnutat nuqqas ta' moviment mill-attur li x'aktarx ikun ġej minn nuqqas ta' ħin li jkun hemm biex ikun jista' jintrama dawl u sound f'postijiet differenti.

- F'dan ir-rigward spikka episodju minn sensiela ta' drama li kuntrarju għall-oħrajn kellha skript tajjeb, camerawork dinamiku, pjanar tajjeb u storja li żżommok. Irid jingħad li din is-sensiela bbenefikat minn fondi permezz tal-Kultura TV li juri kif b'aktar għajnuna l-prodott Malti jista' jkun aħjar.

- Il-membri setgħu jaraw li f'xi episodji pparteċipaw atturi tfal taħt l-età. Huma qablu dwar l-importanza li bħala regola fejn ikun hemm atturi tfal preżenti għandu jkun hemm ukoll tal-inqas xi ħadd mill-ġenituri jew gwardjani tat-tfal. Huma rreferew għall-Kodiċi tax-Xandir dwar il-Protezzjoni tal-Minuri kif ukoll għal diversi deċiżjonijiet li ħadet l-Awtorità tax-Xandir matul is-snin fir-rigward tas-sehem tat-tfal fi programmi televiżivi.

- Anki fid-drama jidher li hemm ukoll nuqqasijiet marbutin mal-istess lingwa Maltija. F'wieħed mill-episodji ġie nnutat, ngħidu aħna, li l-kelma "għosfrot" kienet miktuba bħala "osfrot".

- B'mod ġenerali l-Kumitat innota ċertu faqar fil-kitba tad-drama li ra. Ġie nnotat li ħafna drabi fid-drama Maltija l-istorja tingħad aktar milli tintwera. Dan huwa qasam li pajjiżna minn dejjem bata minnu. Jekk irridu ntejbu l-kwalità tal-prodott televiżiv jeħtieġ li jkun hemm titjib sostanzjali fl-iscripting tad-drama.

- Ma kinitx diffiċli għall-Kumitat li jagħraf id-differenza fil-kwalità li tispikka fi drama partikolari, ambjentata fis-snin tletin li minnha ra episodju. Ix-xogħol tal-kamera u tad-dawl huwa wieħed ta' livell ogħla. Minkejja li l-istess drama kellha d-difetti tagħha bħalma jkollu kull xogħol artistiku ieħor, l-isforz favur il-kwalità huwa wieħed evidenti.

- Il-Kumitat innota wkoll difetti tekniċi li bi ftit sforz jistgħu jiġu indirizzati bħal mhuma l-colour calibration bejn, ngħidu aħna, long shots u close ups kif ukoll bil-bilanċ tas-sound.

- L-istess jista' jingħad għall-kontinwità pereżempju f'wieħed mill-episodji u fl-istess xena attriċi dehret bi stil differenti ta' xagħar. Dan in-nuqqas jinħass b'mod ġenerali fid-drama x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' riżorsi disponibbli għall-produtturi.

- Il-Kumitat innota li mill-credits tal-episodji joħroġ ċar li ħafna drabi dawk involuti fid-drama Maltija, ikollhom rwoli differenti fil-

produzzjoni. F'każ minnhom il-produtturi jiktbu, jiffilmjaw u jeditjaw jekk mhux ukoll jiġru wara r-reklami. Filwaqt li f'suq limitat bħal tagħna dan il-fenomenu jimmeraviljak wieħed jitħasseb kemm persuni bħal dawn jistgħu tassew jiffokaw fuq il-kwalità tal-prodott tagħhom.

- Innota wkoll li tal-anqas produzzjoni waħda milli ra bbenefikat mill-Malta Film Fund, fond li jgħin finanzjarjament produzzjonijiet lokali. Għaldaqstant wieħed stenna li din l-għajnuna kellha twassal għall-kwalità ta' prodott aħjar, ħaġa li l-Kumitat ħass li ma ġratx f'dal-każ.

- Fost il-produzzjonijiet kien hemm waħda mmirata l-aktar għat-tfal anki jekk tixxandar fil-ħin ta' filgħaxija. Il-Kumitat ħass li ma kienx l-aħjar ħin għal drama ta' dan it-tip. Bħal drama oħra lokali l-episodju li ra kien karatterizzat minn nuqqas ta' moviment kemm mill-atturi u anki mill-kamera. Jekk din il-produzzjoni kienet intiża biex tiġbed l-interess tat-tfal, li bħala regola tattirahom l-avventura, wieħed kien jistenna trattament iktar dinamiku. Episodju sħiħ kien jikkonsisti minn diskursata fuq sufan mingħajr l-ebda moviment jew azzjoni.

- Il-Kumitat innota li qed tiżdied drama li ddaħħal djalogi sħaħ b'taħlita ta' Malti u Ingliż, jew Malti u Taljan. Filwaqt li jifhem li djalogi b'lingwi oħra barra l-Malti jistgħu jagħtu aktar awtentiċità lill-istorja, għandhom jiġu stabbiliti l-parametri safejn dan il-bilingwiżmu għandu jintuża.

- Ġie nnutat li fil-biċċa l-kbira tal-end credits ma saret l-ebda referenza għall-mużika użata tul l-episodju. Il-Kumitat iħoss li dan mhux ġust għaliex kif kull attur, cameraperson, editor jew direttur jingħataw ħajr daqstant ieħor għandu jsir fir-rigward ta' min jipprovdi l-mużika.

- F'żewġ episodji ġie nnutat li ntużaw props li ma jmorrux mal-era li fiha hi ambjentata l-istorja. Pereżempju sensiela minnhom wieħed jassumi li hi ambjentata fi żmienna jew fi żmien aktar riċenti għaliex fiha jintuża l-mowbajl. Imma fl-istess waqt f'xena minnhom deher sett ta' telefown antik li ċertament m'għadekx tara bħalu llum. F'sensiela oħra ambjentata fis-snin tletin kienet tinkludi l-pyrex glass u l-għenuq tal-qomos tat-tfal li ma kinux jintużaw f'dik l-era. Huma dettalji żgħar imma li ma jistgħux jaħarbu lil min irid jipproduċi drama ta' kwalità ambjentata f'perjodu partikolari fl-istorja.

- Fl-analiżi tiegħu tal-ġeneru tad-drama fuq it-televiżjoni Maltija il-Kumitat seta' jara li xi sensiliet li ilhom għaddejjin għal numru ta' skedi u għad-dirittura waħda minnhom, tal-ġeneru soap, tixxandar kuljum.

Jidher li l-uniku kejl sabiex sensiliet jibqgħu għaddejjin hi l-popolarità u d-dħul permezz tar-reklami. Mill-istħarriġ tal-Kumitat jidher li xi kultant stazzjon jieħu d-deċiżjoni biex itawwal is-sensiela anki kontra x-xewqa tal-istess awtur jew direttur li jkunu eżawrew l-istorja.

- Huwa minnu li dawk li jissejħu soap operas ħafna drabi jibqgħu għaddejjin għal ħafna staġuni, xi kultant għal ħafna snin. Biss meta l-iscriptwriting jiddependi biss minn kittieb wieħed jew tnejn, meta r-riżorsi finanzjarji mixħuta fil-produzzjoni jkunu limitati, meta l-pool ta' atturi jkun limitat, allura li tidħol għalihom x'aktarx jissarraf fi produzzjoni fqira, tedjanti u ta' kwalità inferjuri.

- Min jiskeda d-drama jeħtieġ li jkollu sensittività akbar għall-kontenut minħabba li mhux dejjem tkun adattata għall-ħin li tixxandar.

Il-Kumitat iltaqa' ma' xi produtturi tad-drama biex jifhem aktar l-isfidi li jiltaqgħu magħhom biex jipproduċu drama ta' kwalità għat-televiżjoni Maltija.

Għal dan l-iskop saru laqgħat ma' numru ta' djar ta' produzzjoni tad-drama.

Minn dawn il-laqgħat ħareġ li:

- L-isfida ewlenija għal dawn il-produtturi hi dik finanzjarja. Ingħad lill-Kumitat li biex ittella' produzzjoni ta' kwalità jrid ikollok baġit sostanzjali ta' flus. Produtturi spjegaw li biex tevolvi ideat aktar elaborati trid tinvesti ħafna. Pereżempju xena ta' 17-il sekonda ta' splużjoni ta' karozza f'sensiela partikolari swiet lill-produtturi mal-5000 ewro.

- Fil-każ tal-kumpanija li tipproduċi sensiliet ambjentati f'Malta tas-snin tletin jew tas-snin ħamsin din kellha tinvesti ħafna f'riċerka, f'kostumi, iffilmjar u editjar.

- Il-kumpaniji Maltin li jkollhom prodott tajjeb tiġihom il-ħajra li jidħlu fi sħubija ma' produtturi barranin biex b'hekk Malta jkollha aċċess għal xogħol u produzzjonijiet ma' pajjiżi barranin li għandhom iżjed riżorsi. Meta kellhom l-opportunità li jbiegħu sensiela lil stazzjon barranin weħlu peress li din is-sensiela kienet irrekordjata HD mhux 4K kif talab l-istazzjon barrani.



- Kwistjoni ewlenija mqajma mill-produtturi tad-drama u ta' ġeneri oħra li l-Kumitat iltaqa' magħhom hi li s-sejħa għall-programmi min-naħa tal-PBS qed issir tard b'tali mod li ma tippermettilhomx jippjanaw bil-quddiem. L-ippjanar jista' jkun fattur importanti fl-isforz biex tissaħħaħ il-kwalità ta' xogħol tad-drama għat-televiżjoni. Barra minn hekk drama u sensiliet li jirrekjedu investiment fit-tul, bħal programmi b'format ġdid jew liċenzjati internazzjonalment jirrekjedu li l-kuntratt bejn il-produtturi u l-istazzjon isiru għal sentejn jew tlieta biex ikun ritorn fuq l-investiment aħjar.

- Sfida għall-produtturi tad-drama hi l-ammont ta' permessi li jkollhom bżonn mill-awtoritajiet biex jiġbdu ċerti xeni li jinvolvu l-użu ta' postijiet storiċi, ġarr ta' armi fittizji u anki ġbid fi sptarijiet.

- Bħala regola dawn il-produtturi jinkludu klawsola dwar esklussività ta' kuntratti tal-atturi li jaħdmu fi produzzjonijiet tagħhom. Madankollu jsibuha bi tqila biex jinfurzawha fid-dawl tal-fatt li l-ħlasijiet li jaffordjaw jagħtu lill-atturi tagħhom huma baxxi. Il-Kumitat innota b'mod pożittiv l-isforzi kollettivi minn stakeholders differenti li qegħdin isiru biex dawk li jkunu impjegati fil-qasam kreattiv, ikunu professjonali anke fil-kundizzjonijiet tax-xogħol offruti. Il-Kumitat però innota diversi nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet li l-kumpaniji qed jagħtu lill-atturi li jaħdmu fis-sensiliet ta' drama televiżiva.

- Il-produtturi saħqu li jħossu li Malta għandha ħafna talent u atturi u artisti tajbin li jagħmlu dan ix-xogħol għaliex iħobbuh u mhux għall-flus u l-profitt.

- Dwar l-użu tal-mużika fid-drama, produttur minnhom qal lill-Kumitat li fil-passat kienu jikkummissjonaw din il-mużika lokalment iżda sabu li meta jixtru l-mużika minn barra tiġihom irħas.

Jidher li numru ta' produtturi ta' drama jorganizzaw it-taħriġ huma permezz ta' workshops jew skejjel tad-drama li minnhom jagħżlu l-atturi li jkollhom bżonn. Filwaqt li wieħed japprezza dan l-isforz għaliex permezz tiegħu ġew skoperti atturi ġodda li llum huma fost l-aktar imfittxija, ikun tajjeb li dawn l-entitajiet joperaw f'qafas aktar professjonali.




# Programmi barra l-istudio

Il-Kumitat ra wkoll kampjuni ta' programmi mxandra barra l-istudio ta' stazzjonijiet differenti. Irid jingħad li dawn it-tip ta' xandiriet huma pjuttost neqsin minn fuq l-istazzjonijiet televiżivi tagħna.

Ix-xandiriet li ra kienu: Forċina (Net TV), iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħelsien (One TV), Mill-Parroċċi (Xejk).

Fir-rigward tal-episodji li ra, il-Kumitat osserva li:

- Teknikament ix-xandiriet tal-istazzjonijiet il-kbar kellhom kwalità tajba kemm fl-iffilmjar kif ukoll fis-sound.

- Huwa tajjeb li f'xandiriet diretti jintużaw filmati preparati minn qabel kemm għaliex jarrekkixxu l-produzzjoni kif ukoll iservu bħala back-up f'każ li tmur xi ħaġa ħażina fix-xandira diretta.

- Sfortunatament toħroġ id-differenza bejn ix-xandiriet minn stazzjonijiet kbar u dik minn stazzjon żgħir. Fil-każ tal-aħħar intużaw kameras statiċi, x'aktarx imħaddma remotament, li pproduċew filmat

ta' kwalità baxxa. L-użu tal-OB vans mill-istazzjonijiet il-kbar li tagħhom ra programmi l-Kumitat, jiffaċilita xandiriet bħal dawn.

- Il-Kumitat iddiskuta l-valur ta' xandiriet mill-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin, inkluż dawk marbutin mal-festi. Filwaqt li rrikonoxxu l-ammont ta' xogħol, laqgħat ta' tħejjija, permessi mill-awtoritajiet u fuq kollox finanzi li jeħtieġu xandiriet bħal dawn, il-Kumitat iħoss li għandu jkun hemm aktar minn dawn ix-xandiriet biex it-televiżjoni jingħata aktar ħajja. Il-Kumitat innota b'dispjaċir li filwaqt li l-istazzjonijiet pubbliċi tal-PBS qegħdin jagħtu servizz tajjeb ħafna b'xandiriet relatati mal-mużika (eż: X Factor) iżda huma assenti f'xandiriet diretti mill-bliet u l-irħula. Dan ma jawgurax tajjeb għall-futur ta' dawn ix-xandiriet l-aktar meta rappreżentanti taż-żewġ stazzjonijiet politiċi esprimew id-diffikultajiet u l-isfidi li għandhom biex ixandru programmi bħal dawn.






# Programmi tat-tfal

Il-Kumitat innota n-nuqqas kbir ta' programmi tat-tfal fuq l-istazzjonijiet lokali. Kienet diffiċli li l-Kumitat isib numru minn dawn il-programmi biex janalizzahom kif għamel fil-każ ta' ġeneri oħra ta' programmi. Madankollu ra episodju mis-sensiela "Puffle Town" li jixxandar fuq TVM.

Minkejja li japprezza l-isforz li tal-anqas jixxandar programm immirat speċifikament għat-tfal, il-Kumitat ħass li l-format użat huwa wieħed antikwat li ma jirrelatax mar-realtà li llum il-ġurnata t-tfal jassoċjaw ruħhom magħha. Ngħidu aħna l-użu tat-teknoloġija moderna li t-tfal illum huma mdawrin magħha, hi nieqsa għalkollox minn dan il-programm. L-istess jista' jingħad għas-suġġetti li l-preżentatriċi kienet qed tiddiskuti ma' pupazz fl-istudio. Il-Kumitat innota l-assenza tat-tfal mill-istudio li ċertament kienu jagħtuh aktar ħajja. Innota wkoll li anki jekk il-preżentatriċi tal-programm hi waħda ta' esperjenza u kapaċità, kien ikun ferm aħjar li kieku nstabet preżentatriċi jew preżentatur ta' età iżgħar u li t-tfal jistgħu jirreletaw magħha speċjalment meta din suppost kellha rwol ta' fairy.

TVM

TVM 2

one
we are one

net TV

SMASH

f living

xejk

PARLAMENT TA' MALTA

iTV



# 8

# Laqgħat ma' rappreżentanti tal-istazzjonijiet televiżivi lokali

Il-Kumitat deherlu li bħala parti minn dan l-eżerċizzju fdat bih mill-Awtorità tax-Xandir kellu jiltaqa' wkoll mar-rappreżentanti tal-istazzjonijiet ewlenin f'Malta u ma' rappreżentant ta' stazzjon żgħir.

Kien għalhekk li l-Kumitat iltaqa' mal-Kap Eżekuttiv tal-PBS, is-Sur Charles Dalli, mal-Kap tal-Programmi ta' One Productions, is-Sa Ruth Vella, il-Kap tal-Programmi ta' Net Media, is-Sur Fabian Demicoli kif ukoll mad-Direttur Maniġerjali ta' F Living Channel is-Sur Karl Bonaci li għal-laqgħa kien akkumpanjat mis-Sur Gilio Pirrone.

Minn dawn il-laqgħat ħarġu dawn il-punti:

- Komuni għall-istazzjonijiet kollha, inkluż dak tal-PBS li huwa l-uniku wieħed iffinanzjat pubblikament, huma l-isfidi finanzjarji li jħabbtu wiċċhom magħhom.

- Jidher li xi stazzjonijiet privati jħossu li l-PBS għandu vantaġġ inġust fuqhom għaliex jieħu l-biċċa l-kbira tar-reklami minkejja li huwa ffinanzjat pubblikament. Min-naħa tiegħu l-PBS itenni li huwa ma jingħatax l-ammont ta' fondi li għandu bżonn meta kull ma jieħu huwa 4.2 miljun ewro fis-sena u għandu l-istess obbligazzjonijiet li

għandhom stazzjonijiet pubbliċi barranin li jieħdu 4.2 biljun ewro.

- It-tnaqqis fl-udjenzi televiżivi hu sfida għall-istazzjonijiet kollha għaliex fuq kollox qed jirriżulta f'nuqqas kbir ta' motivazzjoni għall-futur tas-settur.

- Sfida oħra ġejja mill-midja soċjali li llum qed tixrob ħafna mir-reklamar li qabel kien jiġi nvestit fit-televiżjoni. Ir-reklamar online huwa ħafna rħas u effettiv.

- Issemmew diffikultajiet li l-istazzjonijiet ikollhom programm bi stil fejn il-linja bejn kontenut reklamatorju u kontenut informattiv hija fina. Issemma programm dwar kif issebbaħ darek bħala eżempju.

- L-istazzjonijiet privati li mhumiex politiċi iħossuhom żvantaġġjati meta japplikaw għal fondi tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura TV għaliex dawn jispiċċaw jingħataw lill-istazzjonijiet politiċi u mhux lilhom.

- Ġiet irrapportata diffikultà biex jinstabu produtturi li jidħlu għall-impenn ta' programm partikolarment dak ta' kuljum. L-istess jingħad għal produtturi li joffru programmi ta' stoffa.

- Jidher li jinħass in-nuqqas ta' riżorsi umani adekwati f'kull livell tal-operat tal-istazzjonijiet. Kuntrarju għal industriji oħra huwa diffiċli li l-istazzjonijiet Maltin jimlew il-vakanzi tagħhom b'ħaddiema ta' nazzjonalità oħra li ma jkunux jifhmu l-Malti.

- Bl-eċċezzjoni tal-istazzjon nazzjonali, l-ebda stazzjon f'Malta m'għandu unit partikolari li tieħu ħsieb il-kwalità tal-kontroll tal-programmi. Wieħed mill-istazzjonijiet politiċi għandu kumitat li jgħin lill-Kap tal-Programmi fl-immoniterjar ta' programmi filwaqt li l-istazzjon politiku l-ieħor dan ir-rwol jaqdih il-Kap tal-Programmi. F'kull każ, inkluż il-PBS, l-ebda stazzjon ma jidher li qed jikkontrolla l-kwalità ta' programmi live meta jixxandru.

- L-istazzjonijiet isibu diffikultà sabiex jużaw ir-riżorsi tagħhom ħalli jiffilmjaw barra mill-istudio. L-użu tal-O.B. Unit, fejn jeżisti, b'mod aktar, jirrikjedi ħafna spejjeż li l-istazzjonijiet ftit li xejn jifilħu għalihom.

- L-istazzjonijiet qegħdin joqogħdu lura milli jidħlu għal programmi tat-tfal għaliex illum il-ġurnata hemm perċezzjoni ta' ħafna ristrezzjonijiet



dwar x'tip ta' reklamar jista' jkun abbinat ma' programmi tat-tfal. Irid jingħad li dan ma joħroġx mil-Liġi dwar ix-Xandir. Barra minn hekk iħossu li llum il-ġurnata t-tfal għandhom aċċess għal diversi pjattaformi fuq il-midja soċjali kif ukoll oħrajn bħal Netflix li joffru kwalità ta' programmi superjuri għal dak li stazzjon Malti jista' jipproduċi bir-riżorsi limitati disponibbli.

- Hemm it-tendenza li fi stazzjonijiet politiċi ssir ħafna pressjoni, xi drabi mill-istess telespettaturi leali għall-istazzjon u għall-partit sid l-istazzjon, biex jiddaħħlu aktar programmi politiċi kif ukoll biex jinżammu preżentaturi u programmi li l-istazzjon ikun iħoss li għadda żmienhom.

- Għal raġunijiet primarjament finanzjarji l-investiment fit-taħriġ mill-istazzjonijiet huwa limitat għal sessjonijiet inhouse u on the job għall-

impjegati ġodda. Mhux qed jiġu esplorati u wisq inqas użati fondi Ewropej disponibbli għat-taħriġ tal-produtturi, preżentaturi u tekniċi.

- Mir-rispons tar-rappreżentanti tal-istazzjonijiet ħareġ li mill-istituzzjonijiet edukattivi partikolarment l-MCAST mhux qed joħorġu persuni kkwalifikati li kapaċi jaħdmu bħala parti minn tim li jtella' produzzjoni televiżiva.

- L-arranġamenti biex jiġi assigurat l-użu korrett tal-Malti l-aktar dak miktub fi programmi televiżivi, ivarjaw minn stazzjon għall-ieħor. Hemm min jagħmel użu mis-servizzi ta' qarrejja tal-provi li xogħolhom propja huwa ma' gazzetta u oħrajn minn persuni li għalkemm kkwalifikati fil-qari tal-provi fil-Malti ma jkunux l-istazzjon ta' kuljum.

- Il-Kumitat stħarreġ ir-raġuni għala mill-istazzjonijiet lokali sparixxew il-gameshows. Ir-rispons ta' rappreżentant mill-istazzjonijiet il-kbar kien li llum game show tajba tinvolvi ammont sostanzjali ta' nies u loġistika aktar komplikata u finanzjarjament għolja minħabba l-użu ta' kameras, cranes u apparat ieħor li jagħmel l-produzzjoni aktar attraenti. L-argument huwa dejjem li t-telespettatur Malti llum kontinwament iqabbel dak li joffri l-prodott lokali ma' produzzjonijiet li ħafna għandhom aċċess faċli għalihom. Jekk il-programm Malti se jkun inferjuri għax m'hemmx il-flus biex isir tajjeb allura aħjar ma jsirx.

- Il-Kumitat ried ikun jaf ir-raġuni għala l-produzzjonijiet barranin tilfu posthom minn fuq l-istazzjonijiet lokali. Snin ilu Malta kienet tibbenefika minn prezzijiet favorevoli għal produzzjonijiet barranin għaliex kienet tixtrihom flimkien ma' pajjiżi oħra. Jidher li t-telespettatur Malti ma jippreferix produzzjoni tajba barranija fuq l-istazzjonijiet lokali aktar minn prodott Malti. Ir-raġunament tal-istazzjonijiet jidher huwa li anki jekk jiġi rħas biex tixtri prodott barrani jekk it-telespettur Malti ma jippreferihx, allura jkun aħjar li jmorru għall-prodott lokali. Il-Kumitat innota li din l-asserzjoni tikkuntrasta mal-fatt li aktar Maltin qed jabbonaw għall-programmi barranin on demand fuq pjattaformi bħal Netflix.

- Wieħed mill-argumenti li nqabad mar-rappreżentanti tal-istazzjonijiet kien jekk jaħsbux li l-ħin tax-xandir huwa twil wisq u bir-riżorsi limitati tagħhom l-istazzjonijiet qed ibatu biex jimlew skeda bi programmi ta' kwalità. Xi wħud urew il-fehma li ma hemmx lok li stazzjon lokali tat-televiżjoni ixandar għal 24 siegħa kuljum imma 18-il siegħa jkunu

iżjed effettivi.

- Dwar jekk l-istazzjonijiet humiex qed jarkivjaw il-programmi tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-PBS li għamel investiment qawwi l-aktar permezz ta' fondi Ewropej fl-arkivjar ta' programmi li jmorru lura s-snin, l-istazzjonijiet l-oħra jidher li qed ikunu selettivi dwar xi programmi jżommu minħabba l-ammont ta' spazju diġitali li jieħdu l-produzzjonijiet televiżivi.

- Il-Kumitat iddiskuta wkoll mar-rappreżentanti tal-istazzjonijiet il-ħtieġa ta' koordinazzjoni bejn l-istazzjonijiet u l-produtturi sabiex jiġu kkordinati l-mistiedna u s-suġġetti l-aktar fi programmi magazine u dawk ta' diskussjoni biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn mistieden u suġġett partikolari tispiċċa tarah fi programmi differenti fuq l-istess stazzjon. Jidher li hemm sforz biex sitwazzjoni bħal din tiġi evitata għalkemm jidher li hija aktar diffiċli f'dawk li huma ġrajjiet kurrenti meta jkollok tema li tkun qed tiddomina l-aħbarijiet.

- Mid-diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-istazzjonijiet politiċi ġie rivelat il-fatt li meta jkun hemm xandiriet ta' interess nazzjonali bħal mhi l-ħatra ta' president ġdid huma jintalbu jagħtu sehemhom b'għajnuna ta' natura teknika eż: iffilmjar. Ta' dan huma ma jitħallsux, kuntrarju għall-PBS, għalkemm jingħataw il-permess jittrażmettu x-xandira bħala simulcast. Ir-rappreżentant tal-PBS tenna li f'xandiriet bħal dawn il-kontribut tal-PBS ikun ħafna akbar minn tal-istazzjonijiet oħra.

- Dwar il-punt imqajjem minn produtturi ta' programmi għall-PBS dwar 'ir-raġuni għala l-PBS joħroġ is-sejħa għall-programmi tal-ħarifa u x-xitwa pjuttost tard, il-Kap Eżekuttiv tal-PBS, is-Sur Charles Dalli spjega li l-mod kif inhi strutturata l-politika dwar ix-xandir li tirregola dan il-proċess ma tippermettilhomx li joħorġu s-sejħa qabel. Is-Sur Dalli wera l-fehma li l-produtturi m'għandhomx għalfejn jistennew is-sejħa għall-programmi biex ilestu ċertu aspetti tal-produzzjoni bħalma hu l-iscripting.


13:29:30
FOCUS
ANTA BABACAR
PGM
CAM3
TOP CAM (FSFC)
INPUT 5 (FSFC)
A ROLL
B ROLL
NEWSCG



# Laqgħat ma’ produtturi oħra

Il-Kumitat iltaqa’ wkoll ma’ produtturi oħra ta’ programmi oħra.

Minn dawn il-laqgħat ħarġu dawn il-punti:

- L-isfida ewlenija msemmija minn dar tal-produzzjoni li tipproduċi programmi għal PBS hi l-konferma għall-programmi tasal pjuttost tard. Dan il-fatt joħloq tensjoni kemm għalihom kif ukoll għall-ħaddiema tagħhom.

- Issemmiet is-saħħa tal-midja soċjali li qed twassal biex it-televiżjoni jnaqqas mill-popolarità tiegħu.

- Intwera d-dubju kemm l-istħarriġ tal-Awtorità tax-Xandir qed jagħti stampa reali ta’ x’jaraw il-Maltin meta mqabbel mal-kejl preċiż ta’ kemm nies jaraw clips fuq il-midja soċjali.

- Issemmew id-diffikultajiet u burokraziji biex wieħed itella' programmi barra l-istudio minħabba l-ammont ta' permessi li jkunu jridu jinkisbu. Dan barra l-ispejjeż li programmi bħal dawn jirrikjedu.

- Issemmiet id-diffikultà biex jinstabu biżżejjed nies bħala udjenza fi programmi fi studio.

- Issemma wkoll il-fatt li bħala produtturi ma jħossux li għandhom inkoraġġiment biex jinħolqu formats ta' programmi ġodda. Il-ħolqien ta' format jaf ikun sors ta' introjtu li mhux qed ikollu appoġġ.






# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Wara li ra diversi kampjuni ta' programmi televiżivi minn ġeneri differenti mxandra fuq stazzjonijiet Maltin, kif ukoll wara li ltaqa' kemm ma' produtturi kif ukoll ma' rappreżentanti tal-istazzjonijiet, il-Kumitat wasal biex jagħmel numru ta' konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

1. B'mod ġenerali u bi ftit eċċezzjonijiet fil-qasam tax-xandir permezz tat-televiżjoni f'Malta teżisti problema serja ta' kwalità f'livelli differenti tal-produzzjoni minn skript writing sa preżentazzjoni, mill-iffilmjar sal-editjar, mid-dekor fl-istudio sal-ilbies tal-preżentaturi. Tassew li l-livell tal-kwalità huwa intrinsikament marbut ma' kemm finanzi jiġu ppumpjati fil-produzzjoni, madankollu jidher li bħala kultura l-kwalità hi sekondarja għall-aspett kummerċjali b'detriment għall-industrija nnifisha kif ukoll għat-telespettatur li minkejja kollox għadu juri ċerta lealtà lejn il-prodott Malti minkejja li llum għandu għażla wiesgħa ta' x'jara u fejn.

**Rakkomandazzjoni: Għandha tinbidel il-Liġi dwar ix-Xandir biex jiġu stabbiliti l-Livelli Minimi Nazzjonali fil-qasam tax-xandir permezz tat-televiżjoni. Dawn il-Livelli Minimi Nazzjonali għandhom jintlaħqu minn kull min għandu liċenzja biex ixandar fuq perjodu stabbilit. L-Awtorità tax-Xandir għandha tkun il-gwardjan li jassigura li kull stazzjon b'liċenzja jilħaq dawn il-livelli jekk**

**irid iżomm jew jakkwista liċenzja għax-xandir permezz tat-televiżjoni. Dan għandu jiġi stabbilit permezz ta' awditjar li jsiru lil kull min ikun liċenzjat. Għandu jkun hemm fond li permezz tiegħu l-istazzjonijiet jiġu megħjuna jilħqu dawn il-Livelli Minimi Nazzjonali.**

2. L-istazzjonijiet Maltin kemm dawk privati u dawk pubbliċi kif ukoll il-produtturi ta' programmi għat-televiżjoni f'Malta għandhom problema ta' finanzi li qed taffettwa l-kwalità ta' programmi prodotti u/jew imxandra minnhom. Mil-laqgħat li għamel il-Kumitat seta' jinnota sens ta' qtugħ il-qalb (helplessness) f'dawk kollha involuti li donnhom ilkoll rassenjati li ma tantx hemm xi jsir.

**Rakkomandazzjoni: Għandu jsir studju aktar dettaljat dwar is-sostenibbilità tal-qasam tax-xandir televiż f'Malta bl-iskop li l-industrija tat-televiżjoni ma tmutx mewta naturali hekk kif il-midja soċjali u pjattaformi oħra qed jieklu biċċiet dejjem akbar mill-kejk tar-reklamar. Ir-riżultati ta' dan l-istudju għandhom jiġu diskussi mal-istakeholders kollha kif ukoll mal-Gvern sabiex jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa ħalli jitħares il-futur tax-xandir televiżiv.**

3. Għandu jkun hemm level playing field akbar bejn l-istazzjonijiet pubbliċi u dawk privati b'mod li dawn tal-aħħar ma jiġux fgati u finalment eliminati.

**Rakkomandazzjoni: Għandhom jiżdiedu l-fondi pubbliċi permezz ta' skemi, biex tiġi megħjuna l-produzzjoni ta' programmi ta' ġeneri differenti li jkunu ta' kwalità għolja, b'possibbilità li jistgħu jinbiegħu barra minn xtutna. Għal dawn il-fondi, jistgħu japplikaw l-istazzjonijiet kollha.**

4. It-taħriġ ta' dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam mhuwiex mifrux fuq l-oqsma kollha tax-xandir. Ħafna mit-taħriġ isir inhouse l-aktar għal personnel ġdid. Hemm oqsma partikolari bħalma hu l-iscript-writing fejn it-taħriġ mill-istazzjonijiet u l-produtturi huwa assenti għalkollox.

**Rakkomandazzjoni: Għandha ssir ħidma mal-awtoritajiet konċernati biex l-istazzjonijiet privati jiġu megħjuna jagħmlu użu minn fondi Ewropej immirati sabiex ikopru spejjeż marbutin ma' taħriġ tal-impjegati kif ukoll fondi oħra li jistgħu jiġu użati biex isir taħriġ mill-istazzjonijiet għal dawk kollha involuti fil-qasam tax-xandir tat-televiżjoni. Dawn il-fondi għandhom jintużaw għal programm intensiv ta' taħriġ fl-isforzi biex jintlaħqu l-Livelli Minimi Nazzjonali imsemmija fl-ewwel punt.**



5. Il-produtturi u l-istazzjonijiet mhumiex daqshekk sodisfatti minn nies kwalifikati li qed tipproduċi s-sistema edukattiva f'Malta.

**Rakkomandazzjoni: Għandha tittieħed inizjattiva sabiex isir outreach mal-Università, l-MCAST u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex it-taħriġ dwar il-midja, il-ġurnaliżmu u x-xandir jiġi sinkronizzat mal-ħtiġijiet kurrenti fl-industrija. Għandu jsir sforz kollettiv sabiex l-istudenti li jkunu tħarrġu f'dan il-qasam jibqgħu fih u jkomplu l-karriera u mhux jaqtgħu qalbhom. Barra minn hekk l-istazzjonijiet tax-xandir u d-djar tal-produzzjoni għandhom jiftħu aktar il-bibien tagħhom għal studenti li jkunu motivati biex jieħdu esperjenza "hands on" waqt l-istudji tagħhom.**

6. Is-sistemi tal-kontroll tal-kwalità fl-istazzjonijiet mhix waħda effettiva biżżejjed u tiddependi ħafna minn servizz mogħti fuq bażi ta' part time. L-uniku stazzjon li għandu unit għall-kontroll tal-kwalità huwa l-PBS. Hawn ukoll jidher ċar li s-sistema għandha d-difetti tagħha u tħalli barra programmi live. L-istazzjon irid ukoll iħares lejn il-kwalità globali ta' programm sħiħ u mhux iħares biss lejn ftit dettalji f'episodju jew ieħor.

**Rakkomandazzjoni: It-twaqqif ta' Quality Monitoring Unit f'kull stazzjon għandha tkun marbuta mal-Livelli Minimi Nazzjonali msemmija fl-ewwel punt.**

7. Hemm diffikultà sabiex jinstabu persuni Maltin li lesti li jaħdmu fil-qasam televiżiv l-aktar fi rwoli tekniċi. L-impjieg ta' persuni barranin, minkejja li qed iseħħ b'mod limitat, mhix daqstant għażla għall-istazzjonijiet u l-produtturi minħabba li l-produzzjonijiet huma essenzjalment bil-lingwa Maltija.

**Rakkomandazzjoni: Għandha titwaqqaf Akkademja għax-Xandir taħt l-awspiċi tal-Awtorità tax-Xandir li minnha jgħaddi kull min jixtieq li jaħdem fil-qasam televiżiv. Din l-Akkademja għandha taħdem id f'id mal-istituzzjonijiet edukattivi li joffru dan it-tip ta' taħriġ biex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' riżorsi. Din l-Akkademja għandha toffri programmi ta' taħriġ akkreditati mill-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla. Filwaqt li din il-miżura xorta tista' ma tissodisfax il-ħtiġijiet kollha li jkollhom l-istazzjonijiet f'Malta, tista' tgħin biex jidħlu persuni li jkunu verament interessati u lesti li jingħataw it-taħriġ.**

8. Mhuwiex finanzjarjament sostenibbli li timla l-ħin kollu allokat għal xandir permezz tat-televiżjoni permezz ta' programmi ta' kwalità.

**Rakkomandazzjoni: Filwaqt li ħafna stazzjonijiet qed iħossu li m'hemmx skop li stazzjon ixandar għal 24 siegħa kuljum, kull stazzjon għandu jikkunsidra kemm sigħat jiflaħ ixandar u jillimita ruħu għal dawk is-sigħat biss biex ma jikkompromettix il-kwalità.**

9. Il-programmi tat-tfal huma assenti kważi għalkollox minn fuq it-televiżjoni Maltija. Il-ftit li jeżistu huma bbażati fuq formola antika li ma tattirax l-interess tat-tfal. B'konsegwenza ta' hekk neqsin ukoll programmi ppreżentati mit-tfal u bil-parteċipazzjoni tat-tfal, ħaġa li fil-passat ipproduċiet ġenerazzjoni ta' preżentaturi bravi li llum huma fost l-aktar stabbiliti.

**Rakkomandazzjoni: Parti mill-fondi imsemmija f'punt 3 għandhom imorru għall-produzzjoni ta' programmi tat-tfal li jkollhom format u kontenut aktar attraenti għat-tfal u ż-żgħażagħ. M'għandhomx ikunu r-reklami l-fattur determinanti jekk programmi għat-tfal isirux jew le. Il-programmi għat-tfal jistgħu jkunu marbuta ma' kampanji mmirati biex jippromwovu teknoloġiji moderni bħall-Intelliġenza Artifiċjali. Dan minnu nnifsu jista' joħloq opportunità għal finanzjament addizzjonali għal dawn it-tipi ta' programmi.**

10. Il-produtturi ta’ programmi għall-istazzjon pubbliku qed jiġu avvżati tard wisq jekk il-programmi tagħhom ikunux intgħażlu jew le biex jiddaħħlu fl-iskeda.

**Rakkomandazzjoni: Għandu jsir tibdil fil-politika tax-xandir sabiex jippermetti li l-istazzjon pubbliku jidħol fi ftehim fit-tul mal-produtturi b’tali mod li jkun jista’ jsir pjanar aħjar u partikolarment għal dawk il-programmi li jkunu jeħtieġu aktar xogħol bħalma hi d-drama. Din il-miżura għandha tgħin ukoll biex fl-aħħar mill-aħħar tiżdied il-kwalità tal-prodott.**